## 3 ta' Frar, 1947.

### Imħallef :

### L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mikiel Agius

### Riċettazzjoni — Preskrizzjoni — Sospensjoni — Art. 687 tal-Kodiċi Kriminali.

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali hija sospiża meta l-ħati ma hux magħruf ma hix applikabili meta l-ħati jibqa' mhux magħruf, jew għaliex dak li bi ħsara tiegħu sar id-delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' viġilanza biex jiskopri l-ħati, jew għaliex tkun uriet dan in-nuqqas kolpevoli l-Pulizija; imma tibqa' applikabili meta l-ħati jkun mhux magħruf f'sens ġenerali u obbjettiv.*

*Lanqas hija applikabili dik id-dispożizzjoni meta l-ħati jibqa' mhux magħruf lill-offiż għaliex dan kien assenti mill-Gżira.*

*Din id-dispożizzjoni ġiet ritenuta applikabili fil-każ preżenti fejn l-imputat ġie akkużat ta' riċettazzjoni. Ġie ritenut li l-azzjoni kriminali bdiet tippreskrivi ruħha malli sid il-ħaġa riċettata sar jaf fejn kienet qiegħda u seta' b'hekk jirrintraċċja dawk li verosimilment kienu responsabili quddiem il-liġi, u mhux minn meta dik il-ħaġa kienet ġiet f'idejn is-suppost riċettatur.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Diċembru 1946, ġie deċiż illi l-azzjoni relativa għall-imputazzjoni tad-delitt ta' riċettazzjoni għak-kariku ta' l-imsemmi Agius kienet preskritta, u għalhekk l-istess Agius ġie liberat ;

Kontra din is-sentenza għamel appell l-Attorney General bir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru 1946;

Trattat l-appell, dina l-Qorti rriflettiet;

Il-fatti huma sufficjentement migjuba fis-sentenza appellata għall-finijiet tal-pont devolut lil dina l-Qorti;

Il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn;

Id-divarju bejn dak li rritenejiet l-Ewwel Qorti u l-Prosekuzzjoni hu dan:— Il-Magistrat kien ta' fehma illi t-terminu preskrizzjonali għandu jibda jiddekorri mit-22 ta' Mejju 1944, data li fiha l-appellat partat publikament il-karrettun "de quo" fil-pjazza tas-Saqqajja, ir-Rabat. Il-Prosekuzzjoni ssostni, invece, illi t-terminu għandu jiddekorri minn mindu sid il-karrettun, Sciortino, sar jaf għand min kien il-karrettun, jigifieri minn ċirka Ottubru ta' l-1946 (ara xhieda tiegħu fol. 11), għaliex (kif issostni l-Prosekuzzjoni) iż-żmien ta' qabel, skond l-art. 687 Kap. 12, ma għandux jgħodd "peress illi l-ħati ma kienx magħruf";

Il-Magistrat irritjena inapplikabili dik id-dispożizzjoni, għaliex kien ta' fehma illi f'dan il-każ il-ħati ma kienx magħruf relativament biss għall-offiż u għal ragunijiet mhux imputabili lill-ħati, mentri biex japplika dak l-artikolu hemm bżonn illi l-ħati ma jkunx magħruf f'sens generali u obbjettiv u minħabba l-pratiki malizzjużi tal-ħati;

Il-Magistrat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li rritenejiet dina l-Qorti, sedenti l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, fis-sentenza "Zarb vs. Gernis" tat-8 ta' Mejju 1926 li għamlet riferenza għal sentenza ta' l-istess Imħallef in re "Formosa vs. Zarb Cousin" tal-11 ta' Settembru 1922;

L-istudju eżegetiku tad-dispożizzjoni in kwistjoni huwa kontenut pjuttost f'din is-sentenza l-aħħar ċitata. Mill-eżami akkurat tagħha jidher illi l-Imħallef Dr. Camilleri ried (u bir-ragun) jeskludi l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu (u li kwindi l-preskrizzjoni tibqa' miexja) meta l-ħati jibqa' mhux magħruf jew għaliex dak li bi ħsara tiegħu jkun sar id-delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' vigilanza biex jiskopri l-ħati, avvolja "egli (il-ħati) fosse conosciuto nella communità in cui il delitto fosse commesso", jew għaliex tkun uriet dan in-nuqqas kolpevoli ta' vigilanza l-Pulizija. Infatti f'dan il-każ l-azzjoni kriminali, u kwindi l-libertà ta' ħadd ieħor, ma

għandhiex tibqa' "in sospeso" minħabba l-inkurja jew l-inerzja ta' min kellu l-interess jew id-dmir li jiskopri l-ħati. L-aħħar konsiderando tas-sentenza fuq ċitata (pag. 939, Parte IV, Vol. XXV), juri li dan k'en il-ħsieb tal-ġudikant;

Għe anki ritenut f'dawk is-sentenzi (u ġustament) illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 687 (allura 664) hi anki inapplikabili meta l-ħati jkun baqa' mhux magħruf lill-offiż għaliex dan ta' l-aħħar kien assenti mill-Gżira; infatti l-assenza mhix kawża ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni skond il-liġi;

Issa, fil-każ preżenti, kien hemm dawn iċ-ċirkustanzi:—

1. Sciortino, sid il-karrettun, irrapporta l-fatt tas-serq minn mindu sar (ara xhieda tiegħu fol. 11);

2. Sciortino ma kienx assenti minn Malta f'dan l-intervall bejn is-serq u l-iskopriment tal-karrettun dan l-aħħar;

3. Ma jirriżultax illi fil-kommunità fejn ġie kommess id-delitt l-awtur kien konoxxut, u intant Sciortino ma ħax passi;

4. Lanqas jirriżulta illi waqgħu s-suspetti fuq xi ħadd u, jew Sciortino, jew il-Pulizija, ma ċċaqalqux;

Għalhekk m'hemmx bżżejjed biex wieħed ikun leġittimat li jgħid illi l-injoranza ta' l-identità ta' l-awtur kienet relativa għal Sciortino biss, minħabba inkurja tiegħu jew assenza tiegħu, u lanqas biex wieħed jgħid illi l-Pulizija baqgħet inerti. Kieku kien hemm dan, wieħed kien jista' jgħid li mhix applikabili għall-każ id-dispożizzjoni invokata mill-Prosekuzzjoni. Imma fil-każ preżenti kien hemm l-injoranza assoluta, f'sens obbjettiv u ġenerali. "La parola 'Ignoto'," qalet dirr il-Qorti komposta minn tliet Imħallfin fil-kawża "Rex vs. Giovanni Buhagiar", 26 ta' Ottubru 1906, "adoperata nell'articolo 654 (664) importa nell'autorità incaricata a scoprire i reati una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto..............";

Għalhekk l-Attorney General għandu raġun meta jgħid li f'dan il-każ il-preskrizzjoni ma ddekorrietx, in forza taddispost ta' l-art. 687 Kap. 12, ħlief minn mindu Sciortino sar jaf fejn kien jinsab il-karrettun tiegħu u seta', b'hekk, jirrintraċċja dawk li verosimilment setgħu jkunu responsabili quddiem il-liġi. Sciortino sar jaf dan xi xahar qabel ma xe-

*hed (huwa xehed fit-13 ta' Novembru 1946)*, u għalhekk it-terminu preskrizzjonali ma għaddiex;

Peress li dan il-każ mhux wieħed mill-każijiet espressament imsemmijin mil-liġi fl-art. 440, li fihom dina l-Qorti tista' tgħaddi, hija stess, għad-deċiżjoni fil-meritu, u peress illi dawk il-każijiet ma għandhomx jiġu estiżi, sabiex l-imputat ma jiġix privat mill-benefiċċju ta' l-eżami doppju, għalhekk din il-Qorti għandha tirrimetti l-kawża lill-Qorti ta' Isfel;

*Għal dawn il-motivi;*

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali, u tirrimetti l-kawża lill-Qorti t'Isfel għad-deċiżjoni fil-meritu.